**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.), LL.D.**

Seduta ta' l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018

Ċitazzjoni Numru: 39/1965 JVC

**Emanuela Buttigieg** u b'digriet li ngħata fis-27 ta' Ġunju 2007 il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Giuseppi, Pawlu, Maria xebba, Salvu, Karmenu, Toni, Gorgi, Ewkaristiku, Ganni u Belinja mart Joseph Borg ilkoll aħwa Buttigieg wara l-mewt ta' Emanuela Buttigieg fil-mori tal-kawża u b'digriet datat 15 ta' Ġunju 2018 il-ġudizzju tal-mejta Emanuela Buttigieg ġie trasfuż f'isem John Buttigieg, Eucharist Buttigieg, Anthony Buttigieg, Carmel Buttigieg, Saviour Buttigieg, Maria Buttigieg, Paul Buttigieg u Joseph Buttigieg u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2018 il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq l-armla tieghu Amy Buttigieg u bintu Angela Pomeranz stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza u Belinja Borg ġiet estromessa u l-ġudizzju tal-mejjet Gorg Buttigieg iben Emanuel Buttigieg ġie trasfuż f'isem martu Frances Buttigieg u l-ġudizzju tal-mejjet Gorg Buttigieg, iben Emanuel Buttigieg, ġie trasfuż f'isem martu Frances Buttigieg;

**Francesco Portelli** u b'nota tal-11 ta' Ottubru 1979 Michael Portelli għan-nom tiegħu u Joseph, Edward sive Eddie, Carmelo u Anthony, assuma l-atti flok Francesco Portelli u b'digriet tal-1 ta' Gunju 2007 Emanuel

Portelli daħal fil-kawża bhala wieħed mill-werrieta ta' Francesco Portelli.

vs.

**Rosa Said** mart Francesco Said minnu assistita u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2006 il-ġudizzju f'isem Ganni, Maria xebba u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2018 il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq Caroline Spiteri stante l-mewt ta' Maria Said fil-mori tal-kawza, Pawlu, Joseph, Michael, Judith mart George Mercieca, Domenica mart John Vella, Francesca armla ta' Carmelo Muscat, Carole mart John Spiteri, Catherine mart Raymond Galea u Anthony aħwa Said stante l-mewt ta' Rosa Said fil-mori tal-kawża;

**Giuseppi Portelli** u b'nota tat-12 ta' Ottubru 1979 Carmelo Portelli u Maria mart Paolo Muscat assumew l-atti minflok missierhom Giuseppi Portelli u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2018 saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Peter Paul Portelli, Paul Portelli f'ismu u bħala mandatarju tal-imsiefer ħuh Joseph Portelli, Anthony Portelli u Carmen mart Salvu Camilleri wara l-mewt ta' Carmelo Portelli u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2018 saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Rosaria Camilleri, Rita armla ta' Afred Meilak, Salvina mart Mario Portelli, Annunziata sive Nancy Said, John Muscat f'ismu proprju kif ukoll f'isem u in rappreżentanza ta' l-imsefrin oħtu Carmen mart Francesco Galea, Ryan Jones u Thomas Joseph Jones, ulied il-mejta oħtu Josephine Jones, Margaret mart Abbas Ghulam, u Joseph Muscat wara l-mewt ta' Maria Muscat ;

**Salvatore Portelli** u b'digriet tat-13 ta' Mejju 1983 it-trasfużjoni tal-atti għaddiet f'isem Maria armla ta' Salvatore Portelli u f'isem Joseph Portelli flok il-mejjet Salvatore Portelli; u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2018 saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem ulied oħra tal-konvenut ossia Bernardina Logan, Carmela Vella, Paul, Peter Paul Portelli u William aħwa Portelli wara l-mewt ta' Maria Portelli;

L-Avukat Dr. Luigi Pace u l-Prokuratur Legali G.B. Saliba nominati kuraturi permezz ta' digriet datat 3 ta' Novembru 1965 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti **Antonio Portelli** u b'digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar 1968 Dr Luigi Pace ġie sostitwit mill-avukat Dr Antonio Calleja, u b'nota tad-29 ta' Ottubru 1980 l-Avukat Victor Bajada assuma l-atti flok il-konvenut Antonio Portelli, u b'nota tas-26 ta' Ottubru 1984 Tarcisio Camilleri assuma l-atti flok Dr V. Bajada kif muri bil-prokura dok XX;

**John Said** li ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* b'digriet tat-3 ta' Gunju 2003;

**Joseph Said** li ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* b'digriet tal-14 ta' Mejju 2003;

Il-Qorti:

Rat iċ-Ċitazzjoni tal-Atturi preżentata fit-25 ta' Ottubru 1965 u ppremettew u talbu s-segwenti:-

a. Fid-29 ta' Jannar 1947 miet in-Nadur, Għawdex, Giovanni Portelli u fis-6 ta' Settembru 1964, mietet ukoll in-Nadur, Għawdex Maria mart l-istess

Giovanni Portelli, ġenituri tal-kontendenti, b'testment "unica carta", atti F. Gauci tat-13 ta' Novembru 1941, sussegwit minn żewġ testmenti oħra magħmula minn Maria Portelli meta romlot, fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-18 ta' Mejju 1958 u tal-10 ta' Marzu 1959; u

b. huma ma riedux jaċċettaw il-kwota ereditarja lilhom imħollija bl-istess testmenti.

Talbu allura lill-konvenuti jgħidu għaliex:

a. m'għandhiex tiġi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali magħmula mill-istess Giovanni u Maria ġia konjugi Portelli, billi din il-komunjoni tkun dikjarata tikkonsisti fil-beni mmobbli u sostanzi oħra li jirriżultaw fil-kawża, u maqsuma f'żewġ porzjonijiet ugwali u assenjati waħda lill-assi partikolari u ta' Giovanni Portelli, l-oħra lil dak ta' Maria Portelli.
b. likwidat l-assi partikolari ta' kull wieħed mill-istess Giovanni u Maria Portelli u kull wieħed dikjarat jikkonsisti fin-nofs ta' l-istess akkwisti assenjati skont l-ewwel domanda, u f'dak kollu li jirriżulta fil-kawża;
c. likwidata l-kwota leġittima li tmiss lil kull wieħed mill-atturi mill-assi partikolari hekk likwidata ta' Giovanni Portelli u Maria Portelli u tiġi l-istess kwota leġittima assenjata lil kull wieħed mill-atturi, fil-kwantita' ta' beni u sostanzi oħra li jirriżultaw mill-istess likwidazzjoni skont il-liġi - billi jiġi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun ta' l-istess assenjazzjoni, fil-ġurnata, ħin u lok li jiġu

stabbiliti fis-sentenza, bin-nomina ta' kuraturi biex jattendu flok il-kontumaċi fl-istess att.

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-Konvenuta Rosa Said preżentata fit-12 ta' Novembru 1965 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

a. Preliminarjament li l-atturi ma setgħux jagħmlu dina l-kawża qabel ma jirrinunzjaw għall-wirt tal-ġenituri tagħhom bil-mod tassativament stabbilit mil-liġi u għalhekk talbet il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju;

b. Subordinatament u mingħajr preġudizzju, li fil-likwidazzjoni ta' l-assijiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, kellu jiġi mdaħħal id-dejn ta' l-istess assijiet versu l-eċċipjenti għall-alimenti u kuri prestati għal żmien twil lill-ġenituri tagħha;

Rat in-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe Portelli preżentata fit-18 ta' Novembru 1965 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

a. hu kien ta mija u ħamsin lira (Lm150) lill-ġenituri tiegħu minn barra meta kien imsiefer, u dawna kellhom ipoġġuhom il-bank, Għawdex f'ismu, iżda dawn m'għamlux dana d-depożitu;
b. hu nefaq spejjeż għaxar liri (Lm10) f'kamra li nbniet fil-fond komuni, u għamel siġra tat-tin, u għalhekk għandu jiġi akkreditat għal dawn l-ispejjeż;
c. Kwantu għall-bqija, ma jopponix ruħu ghad-domandi taċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Salvatore Portelli datata 18 ta' Novembru 1965 fejn eċċepixxa illi hu ma jopponix ruħu għad-domandi in kwantu għal-likwidazzjoni mitluba fl-ewwel u t-tieni domandi taċ-ċitazzjoni, iżda waqt li jaċċetta li hu wieħed mill-eredi ta' Maria Portelli, ommu, jirriserva d-dritt li jirrinunzja għall-kwota ta' l-eredita' ta' missieru aktar 'il quddiem u jieħu l-leġittima biss ta' l-eredita' ta' missieru.

Rat in-nota ta' l-Avukat Dr Lugi Pace u l-PL Giuseppe Saliba li b'digriet tat-3 ta' Novembru 1965 ġew nominati kuraturi għar-rappreżentanza tal-imsiefer konvenut Antonio Portelli fejn eċċepew illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża, u għalhekk irrimettew ruħhom għall-provi u ġudizzju tal-Qorti.

Rat is-sentenza parzjali mogħtija fl-24 ta' Settembru fejn din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet li "ma tistax tikkonkludi li kien hemm aċċettazzjoni taċita ta' l-ereditá min-naħa tal-ġenituri ta' l-atturi".

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat ir-rapporti tal-espert legali llum Maġistrat Dr. Paul Coppini u l-Perit Tekniku l-Perit Valerio Schembri;

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Settembru 2018 il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni għal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

**<u>Fatti</u>**

L-atturi oriġinali huma żewġt aħwa li qed jitolbu li jingħataw il-leġittima dovuta lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom Giovanni Portelli li miet fid-29 ta' Jannar 1942 u martu Maria Portelli li mietet fis-6 ta' Settembru 1964.

Fl-eċċezzjonijiet mogħtija minnhom il-konvenuti ma jopponux għal din it-talba iżda jiffukaw biss fuq id-dejn li skonthom għandu jigi mdaħħal fil-likwidazzjoni ta' l-assi tal-mejta konjuġi Portelli.

Illi mill-atti jirriżulta li l-wirt tal-imsemmija konjuġi Portelli huwa regolat b'testment 'unica carta' datat 13 ta' Novembru 1941 (a fol 7 u 63) fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci, sussegwit minn żewġ testmenti oħra magħmula minn Maria Portelli meta romlot datati 18 ta' Mejju 1958 (a fol 60) u 10 ta' Marzu 1959 (a fol 58) fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi.

Bit-testment unica carta tagħhom, il-konjuġi Portelli ħallew b'titolu ta' prelegat lil binhom il-konvenut Antonio Portelli il-lok ta' djar bil-mandretta miegħu ta' ċirka siegħ u nofs li qiegħed fl-imsemmi Nadur, fi Strada Ħida, numru tnejn u għoxrin "*bħala ħlas u tpattija tas-serviġi u assistenzi kollha u ta' kull xorta illi l-istess prelegetarju ppresta lit-testaturi sal-lum, u ta' dawka illi huwa għad jipprestalhom 'il quddiem.*"

Permezz tal-istess testment, Giovanni Portelli ħalla titolu ta' legat lil martu Maria, is-sehem tiegħu mil-lok ta' djar fin-Nadur fi Strada Ħida bin-numri tmienja u tletin u disgħa u tletin (38 u 39) bil-mandretta

konġunta miegħu ta' ċirka sigħan, soġġett għall-ħlas ta' ħdax-il skud fis-sena elemosina ta' anniversarijiet, bil-oġġetti u sostanzi mobbli kollha illi fl-epoka tal-mewt tiegħu jkunu jeżistu gio fih mill-għadba 'l ġewwa, kompriżi l-flus, l-oġġetti ta' deheb u fidda u l-annimali, u anke s-sehem tiegħu mir-raba msejħa 'ix-Xagħra' ta' ċirka tomna u erba' sighan fin-Nadur u r-raba msejħa 'ta Mgħajza' ta' ċirka sigħan fin-Nadur fl-istess Strada Ħida, b'mod illi l-legatarja Maria Portelli tkun tista' tiddisponi minnhom a pjaċir tagħha.

Bit-testment datat 18 ta' Mejju 1958, Maria Portelli ħalliet diversi legati bil-mod kif ġej:

1. Titolu ta' legat u barra minn sehemhom a favur ta' ulieha l-konvenuti Salvatore, Rosa u Giuseppe aħwa Portelli kif ukoll favur binha l-attur Francesco Portelli fi drittijiet ugwali bejniethom billi, "ilhom żmien twil jipprestawlha alimenti", is-segwenti proprjetá:
*"a) biċċa raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Ta' Mġħajza" ta' xi siegħ u nofs u tmiss tramuntana entrata, punent beni ta' Salvu Portelli u lvant beni oħra tat-testatrici legati hawn taħt lil Salvu Portelli;*
*b) biċċa raba fl-imsemmi Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Mgħajza", ta' xi erba' sigħan u tmiss nofsinhar beni ta' Salvu Portelli, tramuntana beni ta' Mikieli Buttigieg u punent beni ta' Mikieli Buttigieg;*
*c) biċċa raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Tar-Ramla", ta' xi erba' sigħan u tmiss tramuntana beni ta' Toni Camilleri, lvant beni ta' Giusepp Butigieg u punent beni ta' Ganni Muscat;*
*d) biċċa raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Tar-Ramla", ta' xi sigħin u tmiss tramuntana beni ta' Frencu Portelli, nofsinhar beni ta'*

*Frencu Portelli, lvant beni tal-werrieta ta' Ganni Mifsud, u punent beni ta' Giusepp Buttigieg, soġġetta għall-quddiesa baxxa annwa perpetwa;"*

2. Titolu ta' legat barra minn sehemha lill-konvenuta Rosa Said bin-nofs indiviż taż-żewġ immobbli segwenti:

   a) biċċa raba li qegħdha n-Nadur, Għawdex fil-kuntrada "Ta Ħida", magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi seba' sigħan u tmiss nofsinhar ma' triq, punent u lvant beni ta' Salvu Portelli;

   b) biċċa raba n-Nadur imsemmi, fil-kuntrada "Ta' Hida", magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi ħames sigħan u tmiss nofsinhar u tramuntana beni ta' Salvu Portelli, punent ma' entrata.

   In-nofs indiviż l-ieħor ta' din ir-raba kien ġia ġie mogħti mill-istess testatriċi lill-istess konvenuta Rosa Said b'dota permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Ġunju 1943 fl-atti ta' Nutar Giuseppi Cauchi (a fol 66).

3. Titolu ta' legat a favur il-konvenut Ganni Said in-neputi tat-testatriċi u bin il-konvenuta Rosa Said, ħames biċċiet raba li ġejjin, bl-obbligu fl-istess legatarju li jħallas iċ-ċnus u piżijiet li hemm jew jista' jkun hemm fuqhom:

   a) Biċċa raba li qegħdha n-Nadur, Għawdex, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Miziep ir-Riħ", ta' xi seba' kejliet u tmiss tramuntana beni ta' Salvu Attard, kif ukoll mill-punent u min nofsinhar tmiss ma' beni ta' Karmni Said;

   b) Biċċa raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Tax-Xagħra l-Ħamra", ta' xi siegħ u keltejn u tmiss punent beni ta' Frencu Buttigieg, tramuntana ma' triq u nofsinhar beni ta' Frencu Buttigieg;

c) Biċċa raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "tax-Xagħra l-Ħamra", fiha xi tliet kejliet u tmiss tramuntana beni ta' Frencu Buttigieg, punent beni ta' Pawlu Camilleri u nofsinhar beni ta' Mikieli Buttigieg.

d) Biċċa raba fin-Nadur, fil-kuntrada magħrufa "Ta Mgħajza", ta' xi sitt kejliet u tmiss punent beni ta' Mikieli Buttigieg, tramuntana beni tal-werrieta ta' Ganni Vella u lvant beni ta' Salvu Buttigieg.

e) Biċċa raba l-Qala, Għawdex, fil-kuntrada u magħrufa "tal-Wileġ", ta' xi nofs tomna u tmiss punent beni ta' Frencu Buttigieg, nofsinhar ma' entrata u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli.

4. Titolu ta' legat u barra minn sehmu a favur ta' binha l-konvenut Salvu Portelli biċċa raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi sigħajn u nofs u tmiss lvant beni ta' Giusepp Cremona, tramuntana entrata u nofsinhar beni ta' Salvu Portelli u punent beni oħra legati mit-testatriċi fit-tielet Artkolu bl-obbligu li jħallas iċ-ċens u/jew piż li fiha.

Permezz tat-tielet testment datat 10 ta' Marzu 1959, it-testatriċi ħalliet b'titolu ta' legat a favur ta' bintha l-konvenuta Rosa Said "bi tpattija totali tas-servizzi kollha lilha pprestati sa issa u ta' dawk is-servizzi u assistenzi kollha illi għad isirulha" il-lok ta' djar li qiegħed fl-imsemmi Nadur, fi Triq Ħida numri tmienja u tletin u disgħa u tletin bil-ġardina miegħu annessa mil-lvant u nofsinhar ta' xi sigħajn, bl-obbligu fl-istess legatarja Rosa Said illi tħallas għal darba waħda biss lil ħutha l-oħrajn is-somma ta' tliet mitt lira sterlina (£300) jiġifieri sittin lira lil kull wieħed u waħda minnhom billi huma ħamsa.

Jirriżulta miċ-Ċedoli ta' depożitu preżentati mill-konvenuti aħwa Said a fol 1349 sa 1357 kif ukoll l-irċevuta ffirmata mill-konvenut Antonio Portelli a fol 21, li dan l-ammont tħallas komplessivament mill-konvenuta lil ħutha.

Illi fit-testmenti tagħhom, id-defunti konjuġi Portelli ma nnominaw lil-ħadd bħala eredi universali tagħhom. Għaldaqstant, ai termini tal-artikolu 788 tal-Kodiċi Ċivili, japplikaw ir-regoli tas-suċċessjoni *ab intestato* għall-wirt tat-testaturi Giovanni u Maria konjuġi Portelli b'dan illi s-sitt uliedhom l-atturi Emanuela Buttigieg u Francesco Portelli u l-konvenuti Rosa Said, Giuseppe Portelli, Salvatore Portelli u Antonio Portelli jitqiesu li huma l-werrieta tal-ġenituri tagħhom skont kif jiddisponi l-artikolu 808 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi fit-18 ta' Novembru 1965, l-atturi Emanuela Buttigieg u Francesco Portelli preżentaw nota fil-Qorti ta' Għawdex Superjuri Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' liema rrinunzjaw għall-kwota ereditarja tagħhom mill-wirt testat tal-ġenituri tagħhom Giovanni u Maria Portelli filwaqt li "jirriżervaw li jitolbu u jieħdu l-leġittima mill-wirt tal-istess ġenituri skont il-liġi" (ara nota a' fol 1224).

Skont l-artikolu 863 tal-istess Kodiċi, is-sehem tal-atturi jiżdied ma' dak tal-werrieta l-oħra, u ċioe' l-konvenuti ħuthom. Il-konvenuta Rosa Said irrinunzjat ukoll għall-wirt tal-ġenituri tagħha permezz ta' nota preżentata fil-11 ta' Marzu 1983 (a fol 174). Il-Qorti iżda hija moralment konvinta, tenut kont tal-fatt li r-rinunzja saret kważi għoxrin sena wara l-mewt ta' ommha u fil-mori ta' dawn il-proċeduri li kienu lhom istitwiti kwazi dsatax-il sena, li sa dak iż-żmien li ġiet effettwata r-rinunzja l-

konvenuta kellha ġia fil-pussess tagħha ħwejjeġ tal-wirt u li r-rinunzja saret biss sabiex taħrab mill-obbligu tagħha li tassenja l-leġittima dovuta lill-atturi. Għaldaqstant ai termini tal-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili din ir-rinunzja ma tiswix ladarba saret ferm iktar minn tliet xhur wara l-ftuħ tas-suċċessjoni meta l-konvenuta kellha fil-pussess tagħha ħwejjeġ tal-wirt.

Illi permezz ta' żewġ noti preżentati fil-15 u s-16 ta' Marzu 2018, u fit-13 u 17 ta' Lulju 2018 (a fol 1045 u 1047, 1363 u 1365, 1366 u 1369), l-eredi tal-konvenut Giuseppe Portelli iddeċidew li jirrinunzjaw għall-wirt in kontestazzjoni ta' ommu u missieru u ċioe' Giovanni Portelli u ta' Maria mart l-istess Giovanni Portelli iżda żammew ferm is-sehem tagħhom mill-legat remuneratorju mħolli lilu minn Maria Portelli. Din il-Qorti iżda hija prekluża milli tqis dawn in-noti bħala rinunzji validi ladarba mhux huma iżda kellu jkun l-istess konvenut Giuseppe Portelli, bħala l-werriet tal-ġenituri tiegħu, li se mai kellu jirrinunzja għall-dan il-wirt. Mill-atti ma jirriżultax li l-konvenut Giuseppe Portelli kien irrinunzja għall-wirt tal-konjuġi Portelli u għaldaqstant għandu jitqies li aċċetta l-istess.

Isegwi għalhekk li sehem l-atturi mill-wirt tal-konjuġi Portelli jmiss lill-konvenuti Rosa, Giuseppe, Salvatore u Antonio ahwa Portelli. Minn dan is-sehem huma esklużi l-legati mħollija mill-ġenituri tagħhom fit-testmenti msemmija, inkluz il-legati mħollija lill-konvenuta Rosa Said. Dan peress li, ai termini tal-artikolu 862 tal-Kodiċi Ċivili, ir-rinunzja minnha għall-wirt tal-ġenituri tagħha ma telfilhiex il-jedd li titlob il-legati mħollija favur tagħha.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Din l-azzjoni odjerna tirrigwarda l-Istitut tal-Leġittima (illum sehem riservat) kif regolat bl-artikoli 615 et seq tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress li l-konjuġi Portelli ġew nieqsa fid-29 ta' Jannar 1942 u fis-6 ta Settembru 1964, huwa ċar li għandhom japplikaw l-artikoli msemmija kif kienu viġenti qabel ma ġew fis-seħħ l-emendi bl-Att XVIII ta' l-2004, hekk kif inhu espressament dikjarat fid-dispożizzjoni tranżitorja, jiġifieri l-artikolu 116(2) tal-Att imsemmi.

Dan l-artikolu jagħmilha ċara, li l-emendi fl-artikoli tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw "dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ" u għalhekk ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Per konsegwenza, dak li għandha quddiemha l-Qorti llum huwa wirt ta' din ix-xorta u ċioe', wirt li jirrisali għal qabel l-emendi fil-liġi. Għalhekk il-vertenza mertu ta' din il-kawża għandha titqies fl-isfond tad-dispożizzjonijiet kif artikolati qabel l-emendi ntrodotti bl-Att imsemmi.

Illi għal dak li huma prinċipji legali relatati ma' ħlas tal-leġittima, il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux datata 5 ta' Mejju 2011**. F'din is-sentenza l-Qorti ssenjalat il-prinċipji ewlenin bil-mod kif ġej:

"*Il-liġi* [qabel ma ġiet emendata bl-Att XVIII ta' l-2004] *kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (hereditatis portio) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi*

*kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi)...*

*Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu jkun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Ċiv.* ***10.6.1949*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIII.i.472****);*

*Illi jsegwi li jdejalment il-leġittima trid tingħata in natura (P.A.* ***22.5.1950*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Wismayer et vs Wismayer et*** *(Kollez. Vol:****XXXIV.ii.574****), jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu jdejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ (Art. 620(3) tal-Kap 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap 16) 22 u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap 16), u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap 16). Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti* ***(P.A. 7.1.1967 fil-kawża fl-ismijiet Scicluna et vs Meli et (Kollez. Vol: LI.ii.696);***

***...***

*Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-*

*leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt* ***(P.A. 16.5.1950 fil-kawża fl-ismijiet Said vs Borg Grech noe et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.568);***

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima)* ***bilfors*** *wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei"* ***għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,*** *ċioe' ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja"*** ***(App. Ċiv. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Concetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et (mhix pubblikata);***

*Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie sodisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "aestimatio rei". (****App. Ċiv. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi*** *noe et (mhix pubblikata). Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-*

*żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat (**App. Ċiv. 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et).***

*Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabbilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;"*

**Konsiderazzjonijiet**

Illi fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati u bi qbil ma' dawk senjalati fin-Nota ta' riferenzi preżentata minn John Said a fol 1203 tal-proċess, il-leġittima li minnha l-atturi aħwa Portelli jistħoqqilhom jirċievu trid tinħadem fuq il-valur tal-beni ta' missierhom Giovanni Portelli u ommhom Maria Portelli fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tagħhom, ossia fid-29 ta' Jannar 1942 u fis-6 ta' Settembru 1964 rispettivament.

Fl-eżerċizzju sabiex tistabbilixxi x'inhu dovut lill-atturi, din il-Qorti trid tqis, anke in virtù ta' dak mitlub minnha fl-ewwel talba attriċi, il-valur tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-konjuġi Portelli xolta bil-mewt ta' Giovanni Portelli u taqsamhom f'żewġ porzjonijiet

indaqs li waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi tad-defunt Giovanni Portelli u l-oħra tiġi assenjata lill-assi tad-defunta Maria Portelli.

Illi ai fini tal-kalkolu tal-leġittima favur l-atturi aħwa Portelli fit-termini tat-tielet talba attriċi, din il-Qorti trid konsegwentement tillikwida l-ereditá ta' Giovanni Portelli u Maria Portelli billi tara kemm kienu jiswew l-assi parafernali tagħhom dak inhar ta' mewthom, magħdud ma' sehemhom fil-komunjoni tal-akkwisti, kemm dak *relictum* kif ukoll dak *donatum* (art 620(3) Kap. 16) u tnaqqas il-ġid kollezzjonabbli.

Il-Qorti trid ukoll tqis jekk, bid-diversi legati mħollija mit-testaturi konjuġi Portelli, kienx hemm leżjoni tal-leġittima dovuta lill-atturi billi tiddetermina s-sehem li t-testaturi setgħu jiddisponi minnu. Dan għandu jigi kalkolat skont kif jiddisponi s-sub-inċiż (c) tal-Artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili. Skont dan l-artikolu, dan is-sehem tat-testaturi jiġi kalkolat billi jinġabru l-beni msemmija fis-sub-inċiżi (a) u (b) tal-imsemmi artikolu 648 u minnhom "jittieħed qies tal-jeddijiet ta' dawk li għandhom jedd b'liġi ta' sehem mill-beni tiegħu, skont id-dispożizzjonijet ta' l-artikoli 615 sas-646." L-artikoli 615 sa 646 jirregolaw il-leġittima mogħtija mil-liġi u l-leġittima portio mogħtija mil-liġi lill-konjuġi superstiti u tfal illeġittimi. Għalhekk dak li għandu jittieħed qies mis-sehem tat-testaturi sabiex jiġi stabbilit dak is-sehem li huma setgħu jiddisponu minnu ai termini tal-imsemmi artikolu 648(c) tal-Kodiċi Ċivili, huwa l-jedd tal-leġittima mogħti b'liġi lill-atturi bħala d-dixxendenti tat-testaturi missierhom u ommhom kif regolat bl-artikoli 615 sa 630.

Illi fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġeneral fl-ismijiet **L-Avukat Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe** kif konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Mejju 2010, spjegat fid-dettal kif tali sehem għandu jiġi determinat u stabbilit li :

*"l-punt tat-tluq hu dak li jissejjaħ bħala **rijunjoni fittizzja**. Permezz ta' dan l-eżerċizzju preliminari jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (disposable portion) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn għajr likwidazzjoni tal-ġid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jiġi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem riservat. Dan l-eżercizzju jrid isir b'dan il-mod:-*

*(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur taħhhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;*

*(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;*

*(c) Mill-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ("Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is*

*any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights" (Prof. Caruana Galizia fin-Notes on Law of Succession, pġġna 1021).*

*Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjeta' "shall be fictitiously added" meħud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta' fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kondizzjoni li kienet meta ngħatat id-donazzjoni.*

*B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji)* ***jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.*** *Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li "is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jitqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' dawk li għandhom jedd b'liġi ta' sehem mill-beni tiegħu, skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-646".* ***F'każ li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, ikun hemm leżjoni ta' leġittima****. Pero' f'dan l-eżerċizzju wieħed irid ukoll jikkunsidra legati li setgħu tħallew lil min għandu d-dritt għas-sehem riservat (leġittimarju) u dak li seta' rċieva mingħand it-testatur inter vivos u li hu soġġett għall-kollazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk is-sehem riservat tħallsitx (Artiklu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)). Imbagħad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbeż is-sehem disponibbli, irid isir l-eżerċizzju magħruf bħala riduzzjoni skont id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)."*

Illi fir-rapport legali tiegħu a fol 132 et seq tal-proċess, l-Avukat llum Maġistrat Dr. Paul Coppini ikkonkluda li magħdud dik il-proprjetá li l-

konjuġi Portelli ħallew b'legati fit-testamenti su riferiti, "jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti minn kull naħa" li l-konjuġi Portelli kellhom ukoll din il-proprjetá:

1. Raba "tax-Xini" ta' ċirka T 1.4.0 fin-Nadur, ċens
2. Raba "tal-Basla" ta' ċirka T 0.2.0 fin-Nadur ukoll ċens li kienu ġew mogħtija bħala dota lill-attriċi Emmanuela Buttigieg mill-ġenituri tagħha bla ma kien sar att pubbliku.
3. Raba "ta' Għajn Qasab" ta' ċirka T 6.0.0 fin-Nadur, ċens temporanju.
4. Raba "ta' Gewwa l-Port" ta' ċirka T 0.2.0 fin-Nadur – franka li, skont Emanuela Buttigieg u Salvu Portelli, ġiet esproprjata mill-Gvern u għadu ma ngħatax kumpens għaliha.
5. Raba oħra "tax-Xini" ta' ċirka T 6.0.0 fin-Nadur, ċens
6. Raba fi Triq Duru n-Nadur, ta ċirka T 1.0.0. b'razzett ġo fiha, ċens.
7. Mandra fi triq Duru n-Nadur ta' ċirka T 0.2.0, ċens
8. Raba f'Hida Street, in-Nadur, ta' ċirka T 1.2.0, franka li kien ħa l-konvenut Salvu Portelli b'rahan mingħand missieru. Ma rriżultax li kien sar kuntratt pubbliku f'din l-okkażjoni
9. Raba "ta' Kustanz" ta' ċirka T 0.4.0 fin-Nadur.

Permezz ta' tliet rapporti preżentati minnu, il-Perit Tekniku Valerio Schembri fassal valutazzjoni ta' dawn il-beni, magħdud dawk imsemmija fit-testmenti tal-konjuġi Portelli, fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tal-istess konjuġi, ossia fid-29 ta' Jannar 1942 u s-6 ta' Settembru 1964 (ara fol 1375 u 1455) u fil-kundizzjoni attwali tagħhom (ara fol 894 u 1455).

Uħud minn dawn l-assi ġew kontestati mill-partijiet permezz ta' bosta noti spjegattivi u korrettivi, affidavits, rikorsi, risposti u noti ta' konstestazzjoni li magħhom ġew annessi volumi ta' kuntratti u dokumenti oħra (ara inter alia fol 459, 468, 503, 542, 543, 550, 553, 566, 569, 594, 677, 716, 801, 830, 855, 1152, 950, 984, 994, 1009, 1106, 1138, 1172, 1210, 1212, 1214, 1216, 1332, 1358 u 1414).

F'dan l-isfond din il-Qorti tagħmel l-osservazzjonijiet segwenti:

1. Fir-rapport tiegħu l-Avukat Paul Coppini kkonkluda li '<u>jidher li hemm qbil bejn il-kontendenti minn kull naħa</u>' rigward dawk l-assi li jappartjenu lill-konjuġi Portelli li ma humiex imsemmija fit-testment.
2. Il-kontestazzjonijiet kollha ġew sottomessi ferm wara iktar minn ħamsa u għoxrin sena wara r-rapport tal-Avukat Paul Coppini, llum Maġistrat.
3. L-Avukat Paul Coppini fil-konstatazzjonijiet tiegħu li wassluh sabiex jiddetermina dawk l-assi li kienu jappartjenu lill-konjuġi Portelli, ha in konsiderazzjoni x-xhieda tal-partijiet, it-testmenti tal-konjuġi Portelli, l-Att ta' dota, l-listi tal-beni prodotti mill-atturi u l-konvenuta Rosa Said kif ukoll id-denunzji tas-suċċessjoni fil-mewt ta' Giovanni u Maria konjugi Portelli (ara fol 120). Jirriżulta għalhekk li l-uniku fattur li l-Avukat Paul Coppini ma ħax in konsiderazzjoni sabiex jiddetermina l-assi tal-mejtin konjuġi Portelli u li setgħu jitfgħu iktar dawl fuq il-proprjetá appartenenti lill-istess huma r-riċerki pubbliċi f'isem Giovanni u Maria konjuġi Portelli. Ħadd mill-partijiet li kkontestaw dawn l-assi iktar minn

ħamsa u għoxrin sena wara r-rapport ma preżenta dawn ir-riċerki. Il-Qorti hija għalhekk prekluża milli tqis dawn il-kontestazzjonijiet stante li ma hiex f'qagħda li tevalwa l-istess ma' dak li seta' jirriżulta mir-riċerki fuq il-konjuġi Portelli.

Din il-Qorti għalhekk jidhrilha li, ladarba kien hemm qbil fuq dawn l-assi tant li ma ġewx kontestati għal iktar minn ħamsa u għoxrin sena wara r-rapport, u la darba ma hiex f'qagħda li tevalwa tali kontestazzjonijiet mar-riċerki f'isem il-mejta konjuġi Portelli billi dawn ma ġewx preżentati fl-atti, għandha tqis biss dik il-kontestazzjoni li ġie reġistrat qbil fuqu fil-verbal tagħha datat 23 ta' Mejju 2018 (a fol 1269).

Din il-Qorti tinnota wkoll li fid-djun tal-mejta konjuġi Portelli, il-Perit Legali Paul Coppini għal raġunijiet mogħtija fir-rapport a fol 29, ma nkludiex dawk eċċepiti mill-konvenut Giuseppe Portelli a fol 23. Il-Qorti tistrieħ fuq dak kostatat mill-perit legali f'dan ir-rigward u għaldaqstant sejra tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imsemmi konvenut Giuseppe Portelli.

Illi din il-Qorti tinnota ulterjorment li fid-djun tal-mejta konjuġi Portelli, il-Perit Legali Paul Coppini inkluda l-legati rimuneratorji mħollija lill-konvenuti permezz tat-testement unica carta datat 13 ta' Novembru 1941 (ara fol 7) kif ukoll it-testmenti datati 18 ta' Mejju 1958 (ara fol 60). Il-Perit Legali izda naqas li jinkludi mad-djun ta' Maria Portelli l-legat rimuneratorju mħolli minnha lill-konvenuta Rosa Said permezz tal-aħħar testament tagħha tal-10 ta' Marzu 1959 (ara fol 58), nuqqas li probabbilment sar purament bi żvista. Fil-paragrafu 43 tar-

rapport (a fol 141) il-Perit Legali jindika r-raġuni għalfejn għamel dan kif ġej:

"Peress li mill-ebda parti tal-provi mressqa ma rriżulta, jew b'xi mod tqiegħed fid-dubbju, li d-diversi legati remuneratorji mħollija mill-konjuġi Giovanni u Maria Portelli flimkien jew separatament, bħala tpattija għal servigi u assistenzi lilhom reżi, ma kienux tassew dovuti lill-legatarji msemmija jew xi ħadd minnhom, l-esponent deherlu li għandu joqgħod fuq dak li ġie dikjarat mit-testaturi, u għalhekk inkluda dawn id-diversi legati mad-debiti ta' l-ereditajiet rispettivi tagħhom".

L-atturi jopponu għal dan fis-sottomissjonijiet tagħhom għal raġunijiet indikati fis-sentenzi ċitati minnhom **Carabez et vs Muscat** mogħtija fit-8 ta' Frar 2008 mil-Maġistrat Anthony Ellul konfermata fl-appell u **Michael Vella vs Salvu Vella** mogħtija mill-Qorti tal-Appel fit-12 ta' Diċembru 2006:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti minn qari tad-disposizzjoni testamentarja relattiva mhux bilfors li wieħed ikollu jikkonkludi li l-legat hu wieħed rimuneratorju. Il-fatt li t-testatrici ħalliet il-fond bl-obbligu li l-legatarja tipprestalha serviġi hu att ta' liberalita' u ma jfissirx awtomatikament li dak il-legat sar bi ħlas ta' xi debitu. Dan apparti l-fatt li anke jekk din id-disposizzjoni kellha tkun interpretata bħala legat rimuneratorju:- (a) Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet* ***Carmelo Sant vs Carmen Deguara et*** *deċiza fil-21 ta' Ġunju 1991 li osservat li "…. fil-legati rimuneratorji bejn ġenituri w ulied, jekk mhux dejjem, kwazi dejjem, qatt ma huwa kompletament u esklussivament rimuneratorji għaliex mhux konċepibbli li ma jkunx imħallat*

*sewwa b'element ta' liberalita'. U dak li huwa ġej mil-liberalita' ma huwa qatt parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti amenoke' ma jiġix espressament indikat il-kuntrarju"*. (Carabez et vs Muscat)

*"Fil-verità, iżda, l-atturi ma humiex qegħdin jattakkaw il-legati rimuneratorji iżda qegħdin biss jistennew illi l-konvenuti jagħmlu l-prova tan-natura rimuneratorja tagħhom, b'riżerva li eventwalment jikkontestaw dik ix-xiehda b'xiehda tagħhom, jekk ikun il-każ. Jekk imbagħad ma ssirx dik il-prova, u l-legati għalhekk jitqiesu liberalitajiet u mhux ħlas ta' dejn tal-wirt, dawk il-legati jkunu soġġetti għal riduzzjoni safejn jaqbżu s-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu, kif tgħid u trid il-liġi u bħala konsegwenza naturali tat-talba għall-ħlas tas-sehem riżervat."* (Michael Vella vs Salvu Vella).

Din il-Qorti taqbel ma' l-insenjament stabbilit fis-sentenzi fuq ċitati u żżid billi tagħmel referenza għal dak li ġie affermat fis-sentenza **Emanuel Bonello et vs Giuseppa xebba Bonello** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fi 22 ta' Frar 2013:

*"Fl-ewwel lok huwa paċifiku li d-dikjarazzjoni li jagħmel testatur li l-legat huwa rimuneratorju, u l-kriterji tiegħu fid-determinazzjoni tal-kumpens, mhumiex insindakabbili, u l-Qorti dejjem għandha l-poter li tara jekk il-legat huwiex sproporzjonat għas-serviġi prestati mil-legatarju (Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca et, Appell Civili deċiża fil-15 ta' Mejju, 1939).*
*Hekk kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet Vincenzo Attard vs Michelina Agius et (Deciza 31 ta' Ottubru, 1952), m'hemm xejn kontra l-liġi li provi dwar serviġi jsiru fl-istess kawża li jkollha bħala oġġett il-likwidazzjoni tal-wirt, anzi mhux xieraq li l-provi biex jiġi stabbilit jekk il-kumpens imħolli bil-legat rimuneratorju*

*kienx dovut, u jekk il-kumpens imholli hux proporzjonat għas-serviġi, isiru f'kawża oħra. Dan peress li fil-ġudizzju 'familiae erciscundae' jidħlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt; u dana sal-punt li m'humiex permessi proċedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt.*

*F'din il-kawża appena ċitata ngħad ukoll li l-legat rimuneratorju huwa ħlas ta' dejn, ammenokke' ma jirriżultax li t-testatur ma kellux raġuni tajba biex iħalli dak il-legat u li dan ikun intiż minflok liberalita' u biex jeludi u jiddefrawda d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi."*

Applikat dan it-tagħlim għall-każ in eżami jirrizulta li, għalkemm eċċepit mill-konvenuti, l-atti huma għal kollox nieqsa minn provi tanġibbli rigward jekk tassew il-konvenuti kienux jew le jipprestaw serviġi versu l-ġenituri defunti tagħhom u jekk kienu prestaw, x'tip ta' serviġi kienu hekk jipprestaw. Isegwi li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li dawn il-legati huma ħlas ta' dejn tal-wirt u fil-fatt sejra tqishom bħala liberalitajiet u tinkludihom mal-kumplament tal-assi ai fini ta' kalkolu tal-leġittima dovuta lill-atturi. Il-Qorti għalhekk sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Rosa Said a fol 19).

**<u>Giovanni Portelli:</u>**

Illi skont ir-rapport tal-Perit Legali Paul Coppini llum Maġistrat a fol 135, l-ereditá partikolari ta' Giovanni Portelli li ġie nieqes fi fid-29 ta' Jannar 1942, tinkludi s-seġwenti assi:

Parafernali

Biċċa raba fin-Nadur, magħrufa "tar-Ramla" ta' ċirka sigħan (T0.2.0) u tmiss tramuntana u nofsinhar ma' beni ta' Frencu Portelli, lvant beni tal-werrieta ta' Ganni Mifsud, u punent beni ta' Giusepp Buttigieg, soġġetta għall-quddiesa baxxa annwa perpetwa.

Skont ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri a fol 1386 para 15, nofs indiviż ta' din ir-raba fis-sena 1942 kellha valur ta' tletin Ewro (€30). Isegwi li l-valur tar-raba kollha kif deskritta hawn fuq fis-sena 1942 kien ta' **sittin Ewro (€60)**

Komunjoni

Nofs indiviż mis-segwenti:

1. Lok ta' djar numri 38/39, Triq Ħida, in-Nadur, bil-mandretta annessa miegħu ta' ċirka sigħan (T0.2.0), soġġett għall-ħlas ta' ħdax-il skud fis-sena quddies mħolli bħala legat lil martu fit-testment unica carta.

2. Lok ta' djar bil-mandretta miegħu ta' ċirka siegħ u nofs (T0.1.5), fin-numru 22, Triq Ħida, in-Nadur mħolli bħala legat lil ibnu l-konvenut Antonio Portelli.

3. Biċċa raba msejħa "ix-Xagħra" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka tomna u erba' sigħan (T1.4.0) tmiss punent u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli, nofsinhar mat-Triq, u tramuntana mal-beni tal-

konjuġi Giovanni u Maria Portelli stess soġġetta għal £0.32.5 (6/6) ċens annwu u perpetwu mħollija bħala legat lil martu bit-testment unica carta.

4. Raba "ta' Mgħajza" fi Triq Ħida n-Nadur ta' ċirka żewġ Tumoli. Din l-art ġiet imsemmija mill-Perit Paul Coppini fil-paragrafu iv a fol 130 tar-rapport tiegħu bħala proprjetá li kellu flimkien ma' martu Maria Portelli. Għal xi raġuni din ma ġietx inkluża fl-ereditá partikolari ta' kull wieħed mill-konjuġi.

Fir-rapport tiegħu a fol 1378 et seq, il-Perit Tekniku Valerio Schembri jispjega li kif ġie ndikat lilu, dawn l-erba' proprjetajiet jikkomprendu l-art li fuqha llum ġiet mibnija s-segwenti proprjetá:

i. John House, Triq Ħida, Nadur.

Għal raġunijiet mogħtija fir-rapport a fol 1381, in-nofs indiviż tal-art li fuqha in parti hija mibnija din il-proprjetá, għandu fis-sena 1942 jiġi stmat fis-somma ta' <u>mija ħamsa u tletin Ewro (€135)</u>.

ii. 33B, Triq Ħida, Nadur.

Fir-rapport tiegħu a fol 1381, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá fis-sena 1942 għas-somma ta' <u>mitejn Ewro (€200)</u>.

iii. 33A, Triq Ħida, Nadur.

Fir-rapport tiegħu a fol 1381, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá fis-sena 1942 għas-somma ta' disgħin Ewro (€90).

iv. 33, Triq Ħida, Nadur.

Fir-rapport tiegħu a fol 1461 para 7, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá għandha fis-sena 1942 tiġi stmata fis-somma ta' erbgħin Ewro (€40). Din l-istima saret wara li l-Qorti, permezz tal-verbal datat 15 ta' Ġunju 2018, laqgħet it-talba magħmula minn Eucharist Buttigieg a fol 1294 billi rriżulta li magħdud il-proprjetá 33A u 33B fi Triq Ħida hemm ukoll din il-proprjetá 33 Triq Ħida, Nadur u li l-istess kienet tħalliet barra għaliex min jghix fiha ma werihiex lill-perit tekniku.

Illi għalhekk il-valur ta' l-ewwel tliet biċċiet art hawn elenkati 1, 2, 3 u 4 qed jigi komputat billi jiġu magħduda il-valuri tal-erba' proprjetajiet John House, 33, 33A u 33 B fi Triq Ħida Nadur. Dan jissarraf fl-ammont ta' **erba' mija, hamsa u sittin Ewro (€465)**.

5. Biċċa raba msejħa "ta Mgħajza" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka sigħan (T0.2.0) tmiss nofsinhar u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli, tramuntana ma' l-entrata u punent ma' beni tal-konjuġi Portelli, soġġett għal £0.32.5 (6/6) ċens annwu u perpetwu. Din il-proprjetá ġiet mħollija bhala legat lil martu bit-testment unica carta.

Il-perit tekniku fir-rapport tiegħu a fol 1383 para 7 jistma din il-proprjetá bħala waħda li n-nofs indiviż tagħha fis-sena 1942 kien jiswa **tletin Ewro (€30)**.

6. Biċċa raba msejħa "ta Mgħajza", ta' ċirka siegħ u nofs (T0.1.5.) fin-Nadur, tmiss tramuntana ma' entrata, punent beni ta' Salvu Portelli, lvant beni tal-konjuġi Portelli stess, (aktarx franka).

   Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 6, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **għoxrin Ewro (€20)**

7. Biċċa raba oħra "ta' Mgħajza" ta' ċirka erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss nofsinhar beni ta' Salvu Portelli, tramuntana u punent beni ta' Mikieli Buttigieg, (aktarx franka).

   Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 5, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **sittin Ewro (€60)**

8. Biċċa raba magħrufa "tar-Ramla" ta' xi erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss tramuntana beni ta' Toni Camilleri, lvant beni ta' Giusepp Buttigieg, u punent beni ta' Ganni Muscat, (aktarx franka).

   Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para. 16, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **sittin Ewro (€60)**

9. Biċċa raba magħrufa "tal-Hanaq" jew "ta' Kustanz", ta' ċirka erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss punent ma' beni ta' Mikiel Buttigieg, lvant Mikieli Vella, u tramuntana eredi ta' Kostanz Camilleri, (aktarx franka).

   Fir-rapport tiegħu a fol 1388 para 19, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **sittin Ewro (€60)**.

10. Biċċa raba "tax-Xini" ta' ċirka tomna u erba' sigħan (T1.4.0) fin-Nadur, soġġetta għaċ-ċens ta' £0.90.0 fis-sena.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para 9, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **mija u ħamsin Ewro (€150)**.

11. Biċċa raba "tal-Basla" ta' ċirka żewġ sigħan (T0.2.0) fin-Nadur, soġġetta għaċ-ċens ta' £0.10 fis-sena.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 22, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **tletin Ewro (€30).**

12. Raba "ta' Għajn Qasab" ta' ċirka sitt itmiem (T6.0.0) fin-Nadur – ċens temporanju

Fir-rapport tiegħu a fol 1385 para. 12, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **ħames mija u erbgħin Ewro (€540)**.

13. Kreditu tal-prezz ta' biċċa raba "ta' Ġewwa l-Port" ta' ċirka sigħan (T0.2.0) fin-Nadur, li ġiet esproprjata mill-Gvern.

Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para. 22, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **tletin Ewro (€30)**.

14. Raba f'Ħida Street, in-Nadur, ta' ċirka tmien sigħan (T1.2.0), li kien ħa b'rahan il-konvenut Salvu Portelli (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1381 para. 4, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **mitejn u tmenin Ewro (€280)**.

15. Raba "tax-Xini" fin-Nadur, ta' ċirka sitt itmiem (T6.0.0.) – ċens

Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para. 10, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **ħames mija u erbgħin Ewro (€540)**.

16. Mandra fi Triq Duru, n-Nadur, ta' ċirka sigħan (T0.2.0) – ċens. Din l-art ma ġietx ikkunsidrata ai fini tal-kalkolu tat-talbiet ta' l-atturi stante qbil bejn il-partijiet, reġistrat fil-verbal datat 23 ta' Mejju 2018

a fol. 1269, li din ma tiffurmax parti mill-ereditá tal-konjuġi Portelli iżda hija proprjetá tal-Gvern.

17. Biċċa raba fi Triq Duru, n-Nadur, tal-kejl ta' ċirka tomna (T1.0.0) b'razzet ġio fiha, - ċens

    Fir-rapport tiegħu a fol 1386 para 14, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1942 fis-somma ta' **disgħin Ewro (€90)**.

18. Ħames liri (£5.00.0) fi flus kontanti, li ħadet l-attriċi Emmanuela Buttigieg bħala parti mid-dota, llum ekwivalenti għal **ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65)**.

Meta l-valur fi flus ta' dawn l-assi jiġu magħduda flimkien, joħrog li l-valur tal-beni ta' missier l-atturi fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tiegħu jammonta għal **elfejn, erba' mija u sitta u għoxrin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€2,426.65)**.

Għaldaqstant il-valur fi flus tal-assi ta' missier l-atturi fil-ġurnata tal-mewt tiegħu jammonta għal **elfejn, erba' mija u sitta u għoxrin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€2,426.65)**.

Għall-fini tas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 620 tal-Kap. 16, minn dan l-ammont għandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral. Mill-atti ma hemm xejn x'jindika li kien hemm xi spejjeż tal-funeral filwaqt li d-djun tal-assi huma elenkati fir-rapport tal-perit legali a fol 138.  Meta

minn dawn id-djun jitnaqqas il-legat imħolli lill-konvenut Antonio Portelli peress li, għal raġunijiet ndikati supra, din il-Qorti ma tqisux bħala legat rimuneratorju, jibqa' bħala dejn nofs il-prezz imħallas mill-konvenut Salvu Portelli meta ħa mingħand il-ġenituri r-raba "ta' Ħida Street" b'rahan. Dan l-ammont jirriżulta li kien ta' **£19.00 ekwivalenti għal €44.26**.

Isegwi għalhekk li l-valur tal-beni ta' missier l-atturi ai fini biex tiġi kalkolata l-leġittima dovuta lilhom huwa ta' **elfejn, tliet mija u tnejn u tmenin Euro u disgħa u tletin ċentezmu** (€2,426.65 - €44.26= €2,382.39).

In virtù tal-artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili, il-leġittima sħiħa dovuta lill-atturi aħwa Portelli, ladarba huma iżjed minn erba' ulied, għandu jkun ta' nofs (1/2) tal-ġid ereditarju ta' missierhom Giovanni Portelli. Skont is-sub-inċiż 2 tal-istess artikolu, dan is-sehem irid jinqasam indaqs bejn dawk kollha li jmisshom minnu. Dan ifisser li sehemhom irid ikun ta' parti minn tnax (1/12) kull wieħed tal-ġid li jirriżulta li missierhom kellu dak inhar li miet;

Isegwi li l-atturi aħwa Portelli jistħoqqilhom jieħdu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswew mija u tmienja u disgħin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€198.53) kull wieħed f'ġid li kellu missierhom fil-waqt ta' mewtu.

Illi ai termini tal-artikolu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili, mil-leġittima dovuta lil Emanuela Buttigieg għandu jitnaqqas il-ġid kollezzjonabbli li ħadet mingħand it-testatur permezz ta' dota u ċioe' l-€11.65 kif ukoll in-nofs indiviż tal-biċċa raba "tal-Basla" ta' ċirka żewġ sigħan (T0.2.0) fin-Nadur,

soġġetta għaċ-ċens ta' £0.10 fis-sena li fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 22, il-perit tekniku Valerio Schembri stmaha fis-sena 1942 fis-somma ta' €30.

Isegwi li l-ammont f'leġittima li l-attur Francesco Portelli jistħoqqlu jieħu mill-wirt ta' missieru huwa ta' **€198.53** filwaqt li l-ammont f'leġittima li l-attriċi Emanuela Buttigieg jistħoqqilha tieħu f'leġittima huwa ta' **€156.88** (€198.53 - €11.65 - €30).

Il-valur tal-beni disponibbli ta' Giovanni Portelli huwa għalhekk ta' **elfejn u sitta u għoxrin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,026.98)** (€2,382.39 - €198.53 - €156.88). Isegwi li bil-legati mħollija lil martu Maria Portelli, it-testatur Giovanni Portelli ma qabiżx is-sehem li minnu huwa seta' jiddisponi b'mod li hemm minn fejn jitħallas dak dovut lill-atturi bħala leġittima.

**<u>Maria Portelli:</u>**

Il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-kalkolu tal-assi tad-defunta Maria Portelli.

Skont ir-rapport tal-Perit Legali Paul Coppini llum Maġistrat a fol 138, l-ereditá partikolari ta' Maria Portelli li ġiet nieqsa fis-6 ta' Settembru 1964, tinkludi s-segwenti assi:

<u>Parafernali</u>

1. Raba magħrufa "ta' Miżiep ir-Riħ", ta' ċirka seba' kejliet (T0.0.7) fin-Nadur, tmiss tramuntana beni ta' Salvu Attard, punent u nofsinhar beni ta' Karmni Said.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para 11, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €7. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **erbatax-il Ewro (€14)**.

2. Raba magħrufa "tax-Xagħra l-Ħamra" fin-Nadur, ta' xi siegħ u keltejn (T0.1.2), tmiss punent u nofsinhar beni ta' Frencu Buttigieg, tramuntana ma' Triq.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 17, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €250. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **ħames mitt Ewro (€500)**.

3. Raba "tax-Xagħra l-Ħamra" fin-Nadur, ta' xi tliet kejliet (T0.0.3), tmiss tramuntana beni ta' Frencu Buttigieg, punent beni ta' Pawlu Camilleri, u nofsinhar beni ta' Mikiel Buttigieg.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 18, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €70. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **mija u erbgħin Ewro (€140)**.

4. Raba "ta Mgħajza" fin-Nadur, ta' xi sitt kejliet (T0.0.6), tmiss punent beni ta' Mikieli Buttigieg, tramuntana beni tal-werrieta ta' Ganni Vella, lvant beni ta' Salvu Buttigieg.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1388 para 20, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €6. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **tnax-il Ewro (€12)**.

5. Raba "tal-Wileġ" il-Qala, ta' xi nofs tomna (T0.3.0), tmiss punent beni ta' Frencu Buttigieg, nofsinhar ma' entrata u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 21, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €30. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **sittin Ewro (€60)**.

6. Raba "ta' Mgħajza" fin-Nadur, ta' xi sigħan u nofs (OT.2.5), tmiss lvant beni ta' Giusepp Cremona, tramuntana entrata, nofsinhar beni ta' Salvu Portelli.

   Fir-rapport tiegħu a fol 1383 para 8, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' €25. Għalhekk il-valur tar-raba sħiħa fis-sena 1964 hija stmata fis-somma ta' **ħamsin Ewro (€50)**.

7. Il-proprjetá li Maria Portelli wirtet mingħand ir-ragel tagħha Giovanni Portelli a tenur tat-testment 'unica carta' tagħhom. Fir-rapport tiegħu l-Perit Paul Coppini jindika dawn l-assi bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Izda ladarba l-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta mal-mewt ta' zewġha fid-29 ta' Jannar 1942, dawn l-assi għandhom jitqiesu parafernali u jikkonsistu fin-nofs indiviż tas-segwenti beni:

   i. Il-lok ta' djar numru 38/39 Triq Ħida n-Nadur,
   ii. Ir-raba msejħa "ix-Xagħra" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka tomna u erba' sigħan,
   iii. Ir-raba "ta' Mgħajza" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka sigħan.

   Kif diġa ngħad, fir-rapport tiegħu a fol 1378 et seq, il-Perit Tekniku Valerio Schembri għaqqad dawn it-tliet proprjetajiet flimkien mal-fond numru 22, Triq Ħida, n-Nadur billi spjega li dawn illum jikkomprendu l-art li fuqha llum ġiet mibnija John House, Triq Ħida, Nadur li n-nofs indiviż tagħha huwa stmat fis-sena 1964 fis-somma ta' <u>disa' mitt Ewro (€900)</u> (fol 1381), 33B, Triq Ħida, Nadur li n-nofs indiviż tagħha huwa stmat fis-sena 1964 fis-somma ta' <u>elf tliet mija u ħamsin Ewro (€1,350)</u> (fol 1381), 33A, Triq Ħida, Nadur li n-nofs indiviż tagħha huwa stmat fis-sena 1964 fis-somma ta' <u>sitt mitt Ewro (€600)</u> (fol 1381) u 33, Triq Ħida, Nadur li n-nofs indiviż tagħha huwa stmat fis-sena 1964 fis-somma ta' <u>tliet mija u ħamsin Ewro (€350)</u> (fol 1461).

Minn dawn il-valuri jrid jitnaqqas il-valur fis-sena 1964 ta' nofs indiviż ta' 22, Triq Ħida, Nadur ladarba ma ġiex imħolli liha iżda lil binha l-

konvenut Antonio Portelli. Ma hemmx indikat fir-rapport tal-Perit tekniku tali valur. Għalhekk din il-Qorti *arbitrio boni viri* tistma li fis-sena 1964, in-nofs indiviż ta' dan il-fond li għandu qies ta' ċirka 280.40 m.k. huwa fl-ammont ta' <u>tliet mitt Ewro (€300)</u>.

Isegwi li l-valur ta' dawn it-tliet proprjetajiet fis-sena 1964 jammonta għal **elfejn tmien mija u tmenin Ewro (€2,880)** (€900+€1,350+€600+€350-€300).

<u>Komunjoni</u>

In-nofs indiviż l-iehor tal-beni kollha ġia elenkati supra bħala l-beni formanti parti mill-komunjoni tad-defunt Giovanni Portelli u ċioe':

I. Lok ta' djar numri 38/39, Triq Ħida, in-Nadur, bil-mandretta annessa miegħu ta' ċirka sigħan (T0.2.0), soġġett għall-ħlas ta' ħdax-il skud fis-sena quddies mħolli bħala legat lil martu fit-testment unica carta.
II. Lok ta' djar bil-mandretta miegħu ta' ċirka siegħ u nofs (T0.1.5), fin-numru 22, Triq Ħida, in-Nadur.
III. Biċċa raba msejħa "ix-Xagħra" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka tomna u erba' sigħan (T1.4.0) tmiss punent u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli, nofsinhar mat-Triq, u tramuntana mal-beni tal-konjuġi Giovanni u Maria Portelli stess soġġetta għal £0.32.5 (6/6) ċens annwu u perpetwu mħollija bħala legat lil martu bit-testment unica carta.
IV. Raba "ta' Mgħajza" fi Triq Ħida, in-Nadur ta' ċirka żewġ Tumoli. Din l-art ġiet imsemmija mill-Perit Paul Coppini fil-

paragrafu iv a fol 130 tar-rapport tiegħu bħala proprjetá li kellu flimkien ma' martu Maria Portelli. Għal xi raġuni din ma ġietx inkluża fl-ereditá partikolari ta' kull wieħed mill-konjugi.

Kif ġia nghad, fir-rapport tiegħu a fol 1378 et seq, il-Perit Tekniku Valerio Schembri jispjega li kif ġie ndikat lilu, dawn l-erba' proprjetajiet jikkomprendu l-art li fuqha llum ġiet mibnija is-segwenti proprjetá:

i. John House, Triq Ħida, Nadur.
Għal ragunijiet mogħtija fir-rapport a fol 1381, in-nofs indiviż tal-art li fuqha in parti hija mibnija din il-proprjetá, għandha fis-sena 1964 tiġi stmata fis-somma ta' disa' mitt Ewro (€900).

ii. 33B, Triq Ħida, Nadur.
Fir-rapport tiegħu a fol 1381, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá għandha fis-sena 1964 tiġi stmata fis-somma ta' elf tliet mija u ħamsin Ewro (€1,350).

iii. 33A, Triq Ħida, Nadur.
Fir-rapport tiegħu a fol 1381, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá għandha fis-sena 1964 tiġi stmata fis-somma ta' sitt mitt Ewro (€600)

iv. 33, Triq Ħida, Nadur.

Fir-rapport tiegħu a fol 1461, il-perit tekniku Valerio Schembri vvaluta li n-nofs indiviż ta' l-art li fuqha hija mibnija din il-proprjetá għandha fis-sena 1964 tiġi stmata fis-somma ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350). Din l-istima saret wara li l-Qorti, permezz tal-verbal datat 15 ta' Gunju 2018, laqgħet it-talba magħmula minn Eucharist Buttigieg a fol 1294 billi rriżulta li magħdud il-proprjetá 33A u 33B fi Triq Ħida hemm ukoll din il-proprjetá 33, Triq Ħida, Nadur u li l-istess kienet tħalliet barra għaliex min jgħix fiha ma werihiex lill-perit tekniku.

Illi għalhekk il-valur ta' l-ewwel tliet biċċiet art hawn elenkati I, II u III qed jiġi komputat billi jiġu magħduda l-valuri tal-erba' proprjetajiet John House, 33, 33A u 33 B fi Triq Ħida, Nadur li jissarraf fl-ammont ta' **tlett elef u mitejn Ewro (€3,200)**.

V. Biċċa raba msejħa "ta Mgħajza" fi Triq Ħida, n-Nadur, ta' ċirka sigħan (T0.2.0) tmiss nofsinhar u lvant ma' beni ta' Salvu Portelli, tramuntana ma' l-entrata u punent ma' beni tal-konjuġi Portelli, soġġett għal £0.32.5 (6/6) ċens annwu u perpetwu. Din il-proprjetá ġiet mħollija lilha bħala legat minn zewġha bit-testment unica carta.

Il-perit tekniku fir-rapport tiegħu a fol 1383 para 7 jistma n-nofs indiviż ta' din il-proprjetá fis-sena 1964 fl-ammont ta' **għoxrin Ewro (€20)**.

VI. Biċċa raba msejħa "ta Mgħajza", ta' ċirka siegħ u nofs (T0.1.5.) fin-Nadur, tmiss tramuntana ma' entrata, punent beni ta' Salvu Portelli, lvant beni tal-konjuġi Portelli stess, (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 6, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **ħmistax-il Ewro (€15)**.

VII. Biċċa raba oħra "ta' Mgħajza" ta' ċirka erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss nofsinhar beni ta' Salvu Portelli, tramuntana u punent beni ta' Mikieli Buttigieg, (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 5, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **erbgħin Ewro (€40)**

VIII. Biċċa raba magħrufa "tar-Ramla" ta' xi erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss tramuntana beni ta' Toni Camilleri, lvant beni ta' Giusepp Buttigieg, u punent beni ta' Ganni Muscat, (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 16, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **erbgħin Ewro (€40)**.

IX. Biċċa raba magħrufa "tal-Ħanaq" jew "ta' Kustanz", ta' ċirka erba' sigħan (T0.4.0) fin-Nadur, tmiss punent ma' beni ta' Mikiel Buttigieg, lvant Mikieli Vella, u tramuntana eredi ta' Kostanz Camilleri, (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1388 para 19, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **sittin Ewro (€60)**.

X. Biċċa raba "tax-Xini" ta' ċirka tomna u erba' sigħan (T1.4.0) fin-Nadur, soġġetta għaċ-ċens ta' £0.90.0 fis-sena.

Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para 9, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **mitt Ewro (€100)**.

XI. Biċċa raba "tal-Basla" ta' ċirka sigħan (T0.2.0) fin-Nadur, soġġetta għaċ-ċens ta' £0.10 fis-sena.

Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 22, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **għoxrin Ewro (€20)**

XII. Raba "ta' Għajn Qasab" ta' ċirka sitt itmiem (T6.0.0) fin-Nadur – ċens temporanju

Fir-rapport tiegħu a fol 1385 para 12, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **tliet mija u sittin Ewro (€360)**.

XIII. Kreditu tal-prezz ta' biċċa raba "ta' Ġewwa l-Port" ta' ċirka sigħan (T0.2.0) fin-Nadur, li ġiet esproprjata mill-Gvern.

Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 23, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **għoxrin Ewro (€20)**.

XIV. Raba f'Ħida Street, in-Nadur, ta' ċirka tmien sigħan (T1.2.0), li kien ħa b'rahan il-konvenut Salvu Portelli (aktarx franka).

Fir-rapport tiegħu a fol 1381 para 4, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **elf tmien mija u ħamsin Ewro (€1,850)**.

XV. Raba "tax-Xini" fin-Nadur, ta' ċirka sitt itmiem (T6.0.0.) – ċens
Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para 10, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **tliet mija u sittin Ewro (€360)**.

XVI. Mandra fi Triq Duru, n-Nadur, ta' ċirka sigħan (T0.2.0) – ċens. Din l-art ma ġietx ikkunsidrata ai fini tal-kalkolu tat-talbiet ta' l-atturi stante qbil bejn il-partijiet, reġistrat fil-verbal datat 23 ta' Mejju 2018 a fol 1269, li din ma tiffurmax parti mill-ereditá tal-konjuġi Portelli izda hija proprjetá tal-Gvern.

XVII. Biċċa raba fi Triq Duru, n-Nadur, tal-kejl ta' ċirka tomna (T1.0.0) b'razzet ġo fiha, - ċens

Fir-rapport tiegħu a fol 1386 para 14, il-perit tekniku Valerio Schembri jistma n-nofs indiviż ta' din l-art fis-sena 1964 fis-somma ta' **sitt mitt Ewro (€600)**.

XVIII. Ħames liri (£5.00.0) fi flus kontanti, li ħadet l-attriċi Emmanuela Buttigieg bħala parti mid-dota, illum ekwivalenti għal **ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċentezmu (€11.65)**.

Meta l-valur fi flus ta' dawn l-assi jiġu magħduda flimkien, joħroġ li l-valur tal-beni ta' omm l-atturi fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuħ tal-wirt tagħha jammonta għal **għaxart elef, tliet mija tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€10,352.65)**.

Għaldaqstant il-valur fi flus tal-assi ta'omm l-atturi fil-ġurnata tal-mewt tagħha jammonta għal **għaxart elef, tliet mija tnejn u ħamsin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€10,352.65)**.

Għall-fini tas-sub-inċiż (2) tal-artikolu 620 tal-Kap. 16, minn dan l-ammont għandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral. Mill-atti ma hemm xejn x'jindika li kien hemm xi spejjeż tal-funeral filwaqt li d-djun tal-assi huma elenkati fir-rapport tal-perit legali a fol 138. Meta minn dawn id-djun jitnaqqas il-legati mħollija lill-konvenuti u l-attur Francesco Portelli peress li, għal raġunijiet indikati supra, din il-Qorti ma tqisux bħala legat rimuneratorju, jibqa' bħala dejn nofs il-prezz imħallas mill-konvenut Salvu Portelli meta ħa mingħand il-ġenituri r-raba "ta'

Ħida Street" b'rahan. Dan l-ammont jirriżulta li kien ta' **£19.00 ekwivalenti għal €44.26**.

Isegwi għalhekk li l-valur tal-beni ta' omm l-atturi ai fini biex tiġi kalkolata l-leġittima dovuta lilhom huwa ta' **għaxart elef, tliet mija u tmien Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu €10,308.39** (€10,352.65 - €44.26 = €10,308.39).

Kif ġia ngħad supra, in virtù tal-artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili, is-sehem tal-leġittima dovuta lill-atturi huwa ta' parti minn tnax (1/12) kull wieħed tal-ġid li jirrizulta li ommhom kellha dak inhar li mietet. Isegwi li l-atturi aħwa Portelli jistħoqqilhom jieħdu mill-imsemmi wirt b'kemm jiswew **tmien mija disgħa u hamsin Euro u tliet ċenteżmi** (€859.03) kull wieħed f'ġid li kellha ommhom mal-mewt.

Illi ai termini tal-artikolu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili, mil-leġittima dovuta lil Emmanuela Buttigieg għandu jitnaqqas il-ġid kollazzjonabbli li ħadet mingħand it-testatriċi permezz ta' dota u ċioe' il-€11.65 kif ukoll in-nofs indiviż tal-biċċa raba "tal-Basla" ta' ċirka żewġ sigħan (T0.2.0) fin-Nadur, soġġetta għaċ-ċens ta' £0.10 fis-sena li fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 22, il-perit tekniku Valerio Schembri stmaha fis-sena 1942 fis-somma ta' €20.

Illi mil-leġittima dovuta lil Francesco Portelli għandu jitnaqqas ukoll is-sehem ta' wieħed minn erba' tal-bicciet raba ndikati fir-rapport tal-perit tekniku f'paragrafi 5 u 6 a fol 1382, u f'paragrafi 15 u 16 a fol 1386 u 1387 li ġew mħollija lilu bħala legati minn ommu Maria Portelli. Fis-sena 1964 il-valuri ta' nofs indiviż ta' dawn il-biċċiet raba kienu €40, €15, €20 u €40

li flimkien jagħmlu €115. Isegwi għalhekk li l-valuri tal-biċċiet sħaħ tal-imsemmija raba jammontaw għal €230. Għalhekk mil-leġittima ta' Francesco Portelli jrid jitnaqqas l-ammont ta' €57.50 (€230/4).

Isegwi li l-ammont f'leġittima li l-attur Francesco Portelli jistħoqqlu jiehu mill-wirt ta' ommu huwa ta' tmien mija u Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€859.03 - €57.50 = €801.53) filwaqt li l-ammont f'legittima li l-attrici Emanuela Buttigieg jistħoqqilha tieħu f'leġittima huwa ta' tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€859.03 -€11.65-€20 = €827.38).

Jirriżulta l l-valur tal-beni disponibbli ta' Maria Portelli huwa ta' **tmint elef sitt mija disgħa u sebgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€8,679.48)** (€10,308.39 - €801.53 - €827.38). Sabiex jiġi determinat jekk bil-legati mħollija mit-testatriċi, hija eċċedietx mill-ġid disponibbli tagħha, għandu minn dan l-ammont jitnaqqas dawn il-legati hekk imħollija u ċioe':

Bit-testment datat 18 ta' Mejju 1958, Maria Portelli ħalliet diversi legati bil-mod kif ġej:

1. Nofs indiviż tal-fond 22, Ħida Street, Nadur imħolli lill-konvenut Antonio Portelli. Din il-Qorti stmat *arbitrio boni viri* li fis-sena 1964, in-nofs indiviż ta' dan il-fond fl-ammont ta' <u>€300</u>.

2. Raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Ta' Mgħajza" ta' xi siegħ u nofs imholli lill-konvenuti Salvatore, Rosa u Giuseppe kif ukoll l-attur Francesco Portelli fi drittijiet ugwali bejniethom. Fir-

rapport tiegħu a fol 1382 para 6 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' dan il-fond fl-1964 fl-ammont ta' €15. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa hija ta' €30.

3. Raba fl-imsemmi Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi erba' sigħan mħolli lill-konvenuti Salvatore, Rosa u Giuseppe kif ukoll l-attur Francesco Portelli fi drittijiet ugwali bejniethom. Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 5 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fl-1964 fl-ammont ta' €40. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa hija ta' €80.

4. Raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Tar-Ramla", ta' xi erba' sigħan imħolli lill-konvenuti Salvatore, Rosa u Giuseppe kif ukoll l-attur Francesco Portelli fi drittijiet ugwali bejniethom. Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 16 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fl-1964 fl-ammont ta' €40. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa hija ta' €80.

5. Raba fl-imsemmi Nadur, kuntrada u magħrufa "Tar-Ramla", ta' xi sigħin mħolli lill-konvenuti Salvatore, Rosa u Giuseppe kif ukoll l-attur Francesco Portelli fi drittijiet ugwali bejniethom. Fir-rapport tiegħu a fol 1386 para 15 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €20. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €40.

6. in-nofs indiviż ta' raba li qegħdha n-Nadur, Għawdex fil-kuntrada "Ta' Ħida", magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' ċirka seba' sigħan u n-nofs indiviż ta' raba fin-Nadur fil-kuntrada "Ta' Ħida", magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi ħames sigħan it-tnejn imħollija lill-konvenuta Rosa Said. Fir-rapport tiegħu l-perit tekniku għaqqad din il-proprjetá ma' art oħra għal raġunijiet hemm spjegati u ġia ndikati supra. Din il-Qorti qegħdha għalhekk arbitrio boni viri tistma li, fis-sena 1964, il-valur ta' dawn iż-żewġ biċċiet art li l-kejl komplessiv tagħhom huwa fiż-żewġ okkazzjonijiet ta' żewġ tumoli (T2.0.0 – ara rapport tal-Perit Coppini a fol 130 para iv) kien fl-ammont ta' €2,000.

7. Raba li qegħdha n-Nadur, Għawdex, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Miżiep ir-Rih", ta' xi seba' kejliet imħollija lill-konvenut Ganni Said. Fir-rapport tiegħu a fol 1384 para 11 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €7. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €14.;

8. Raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Tax-Xagħra l-Ħamra", ta' xi siegħ u keltejn imħollija lill-konvenut Ganni Said. Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 17 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €250. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €500.

9. Biċċa raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "tax-Xagħra l-Ħamra", fiha xi tliet kejliet imħollija lill-konvenut Ganni Said. Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 18 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż

ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €70. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €140.

10. Raba fin-Nadur, fil-kuntrada magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi sitt kejliet imħollija lill-konvenut Ganni Said. Fir-rapport tiegħu a fol 1387 para 20 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €6. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €12.

11. Raba l-Qala, Għawdex, fil-kuntrada u magħrufa "tal-Wileġ", ta' xi nofs tomna mħollija lill-konvenut Ganni Said. Fir-rapport tiegħu a fol 1389 para 21 il-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €30. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €60.

12. Raba fin-Nadur, fil-kuntrada u magħrufa "Ta' Mgħajża", ta' xi sigħajn u nofs imħollija lill-konvenut Salvu Portelli. Fir-rapport tiegħu a fol 1382 para 6 l-Perit Tekniku jistma nofs indiviż ta' din ir-raba fin-1964 fl-ammont ta' €15. Allura l-valur tal-proprjetá sħiħa huwa ta' €30.

13. Il-lok ta' djar fin-Nadur, fi Triq Ħida numri 38 u 39 bil-ġardina miegħu mħollija lill-konvenuta Rosa Said. Din il-proprjetá ġiet stmata flimkien ma' proprjetá oħra għal raġunijiet spjegati mill-perit tekniku ġia ndikati supra. Arbitrio boni viri, il-Qorti qed tistma din il-proprjeta' ta' ċirka 374.80 m.k. fis-sena 1964 fl-ammont ta' €1,300.

Il-valuri ta' dawn il-proprjetajiet mħollija b'legati mit-testatriċi Maria Portelli magħduda flimkien jammonta għal €4,586. Isegwi għalhekk li t-testatriċi Maria Portelli ma qabżitx is-sehem li minnu hija setgħet tiddisponi b'mod li hemm minn fejn jitħallas dak dovut lill-atturi bħala leġittima.

**Natura tas-sehem:**

Il-Qorti issa trid tqis jekk is-sehem hekk likwidat jistax jittieħed mill-atturi aħwa Portelli *in natura*, jew jekk għandhomx jieħdu sehemhom bil-ħlas ta' somma flus. F'dan il-kuntest, din il-Qorti temmen li għandu jiġi applikat *id-dictum* tal-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza **Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux ċ**itata iktar 'il fuq:

*"Illi x-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skont in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali.*

*Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt, u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem*

*li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni in natura tal-ġid lil-leġittimarju;"*

F'dan il-każ il-wirt *in natura* tad-decuius konjuġi Portelli jikkonsistu f'biċċiet artijiet u raba li, bit-trapass ta' iktar minn ħamsin sena żmien, ġew lilhom mibdula l-konfini u llum huma okkupati minn terzi jew dixxendenti tal-konvenuti. Aktar minn hekk il-valuri attwali ta' dawn l-artijiet jisbqu bil-wisq iżjed is-sehem tal-leġittima spettanti lill-atturi aħwa Portelli.

Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi aħwa Portelli għandhom jingħataw sehemhom mil-leġittima dovuta lilhom mill-ġid ta' wirt missierhom u ommhom Giovanni u Maria konjuġi Portelli f'valur ekwivalenti fi flus bil-jedd għall-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) minn dak inhar li nfetaħ il-wirt tagħhom.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż tgħaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali magħmula mill-istess Giovanni u Maria konjuġi Portelli bil-mod kif ġia espost iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

2. Tilqa′ t-tieni talba u tillikwida l-assi partikolari ta′ kull wieħed mill-istess Giovanni u Maria Portelli bil-mod ġia espost iktar ′il fuq f′din is-sentenza.

3. Tilqa′ t-tielet talba kif isegwi:

i. tillikwida l-leġittima li tmiss lil kull wieħed mill-atturi aħwa Portelli dovuta lilhom mill-wirt ta′ missierhom Giovanni Portelli fis-somma ta′ **mija u tmienja u disgħin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€198.53) dovuta lill-attur Francesco Portelli u fis-somma ta′ mija u sitta u ħamsin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€156.88) dovuta lill-attriċi Emanuela Buttigieg** flimkien mal-imgħax legali ta′ tmienja fil-mija (8%) fuq l-imsemmija somom, dekorribli mid-data tal-ftuħ tal-wirt ta′ missierhom Giovanni Portelli sal-jum tal-ħlas effettiv.

ii. tillikwida l-leġittima li tmiss lil kull wieħed mill-atturi aħwa Portelli dovuta lilhom mill-wirt ta′ ommhom Maria Portelli fis-somma ta′ **tmien mija u Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€801.53) dovuta lill-attur Francesco Portelli u s-somma ta′ tmien mija u sebgħa u għoxrin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€827.38) dovuta lill-attriċi Emanuela Buttigieg** flimkien mal-imgħax legali ta′ tmienja fil-mija (8%) fuq l-imsemmija somom, dekorribli mid-data tal-ftuħ tal-wirt ta′ ommhom Maria Portelli sal-jum tal-ħlas effettiv.

iii. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Rosa, Giuseppe, Salvatore u Antonio ahwa Portelli (tramite l-eredi tagħhom fil-kawża kif trasfużi fl-atti) iħallsu u jassenjaw lill-atturi aħwa Portelli (tramite l-eredi tagħhom fil-kawza kif trasfużi l-atti) is-somom imsemmija deċiżi fil-punti i. u ii. fil-paragrafi preċedenti flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somom kif fuq ingħad u dan għas-saldu ta' kull pretensjoni li talvolta seta' kellhom l-atturi kontra l-eredita' ta' missierhom u ommhom Giovanni u Maria konjuġi Portelli.

Stante n-natura tal-kawża l-ispejjeż kollha tal-kawża (salv dawk tal-intervenuti fil-kawża) għandhom jitħallsu ugwalment bejn is-sitt partijiet ahwa oriġinarjament fil-kawża (tramite l-eredi tagħhom fil-kawża kif trasfużi fl-atti). L-ispejjeż tal-intervenuti għandhom jiġu supportati mill-istess.

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Maġistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**

**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**